



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

10431/24
PV CONS 28
AGRI 445
PECHE 205

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(**Agrikoltura** u Sajd)
27 ta' Mejju 2024

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 10045/24.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

Lista leġislattiva (deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

10279/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Anness.

Saħħa

1. **Regolament dwar l-istandards ta' kwalità u ta' sikurezza għas-sustanzi ta' oriġini umana maħsubin għall-applikazzjoni umana**
Adozzjoni tal-att leġislattiv
approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-22 ta' Mejju 2024



9779/24
PE-CONS 8/24
SAN

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost għe adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 168(4), il-punt (a) TFUE).

Suq Intern u Industrija

2. **Regolament dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti)**
Adozzjoni tal-att leġislattiv
approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-22 ta' Mejju 2024



9275/1/24 REV 1
+ ADD 1
PE-CONS 45/24
COMPET

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost għe adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-Belġju jastjeni (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).

Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

3. **Regolament li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u jħassar id-Direttiva 2009/125/KE**  9266/24
+ COR 1 (fr)
+ ADD 1
PE-CONS 106/23
COMPET
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-22 ta' Mejju 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bl-Italja tastjeni (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).

Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

Enerġija

4. **Regolament dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija**  9832/24
PE-CONS 86/23
ENER
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-22 ta' Mejju 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bl-Ungerija tivvota kontra (bażi legali: l-Artikolu 192(1) TFUE).

Ġustizzja u Affarijiet Interni

5. **Direttiva li temenda d-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu**  10047/24
PE-CONS 14/24
DROIPEN
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-22 ta' Mejju 2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikoli 82(2) u 83(1) TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka ma pparteċipatx fil-vot.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Sitwazzjoni ta' kriżi fis-settur agrikolu: 9877/24
- Segwitu għat-tweġibiet diġà mogħtija u miżuri ġodda previsti
 - Maniġġar ta' kriżijiet – riflessjoni dwar miżuri futuri li għandhom jittqiesu
- Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni*
Skambju ta' fehmiet
4. Is-sitwazzjoni tas-suq, b'mod partikolari wara l-invażjoni tal-Ukrajna 10245/24
- Informazzjoni mill-Kummissjoni u l-Istati Membri*
Skambju ta' fehmiet

Affarijiet oħra

5. a) Żieda fil-popolazzjonijiet tal-karnivori kbar fl-Ewropa: 10248/24
- Sfidi għall-agrikoltura u ż-żoni rurali
- Informazzjoni mid-delegazzjoni Awstrijaka*
- b) Sitwazzjoni diffiċli għall-produtturi tal-frott minħabba t-tnaqqis mistenni fir-rendimenti kkawżat minn kundizzjonijiet klimatiċi avversi 10186/24
- Informazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka*
- c) **Sitwazzjoni ta' nixfa severa f'Ċipru** [2] 10256/24
- Informazzjoni mid-delegazzjoni Ċiprijotta*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mid-delegazzjoni Ċiprijotta. Huwa ħa nota wkoll tat-tweġiba tal-Kummissjoni kif ukoll tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

- d) **Tikkettar tal-pajjiż ta' oriġini għall-prodotti tal-ikel**  10321/24
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża u dik
Awstrijaka, appoġġati mid-delegazzjoni Estonjana,
Finlandiża, Franċiża u dik Portugiża*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Ġermaniża u dik Awstrijaka, appoġġata mid-delegazzjoni Estonjana, Finlandiża, Franċiża u dik Portugiża, dwar il-ħtieġa li t-tikkettar obbligatorju tal-oriġini jiġi estiż għal oġġetti tal-ikel oħra. Il-Kunsill ħa nota wkoll tar-reazzjonijiet ta' diversi delegazzjonijiet u tal-Kummissjoni.

- e) **Simplifikazzjoni u Regolamentazzjoni Favur l-Innovazzjoni fis-Settur Agroalimentari**  10218/24
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Daniża, appoġġata mid-
delegazzjoni Ċeka, Estonjana, Finlandiża, Irlandiża,
Litwana, Portugiża u dik Spanjola*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Daniża, appoġġata mid-delegazzjoni Ċeka, Estonjana, Finlandiża, Irlandiża, Litwana, Portugiża u dik Spanjola, dwar is-simplifikazzjoni u r-regolamentazzjoni favur l-innovazzjoni fis-settur agroalimentari. Il-Kunsill ħa nota wkoll tar-reazzjonijiet ta' diversi delegazzjonijiet u tal-Kummissjoni.

- f) **Inqiegħdu l-Benesseri tal-Annimali fil-qalba tal-Aġenda li jmiss tal-Kummissjoni Ewropea**  10208/24
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Slovena, fisem id-
delegazzjoni Bulgara, Franċiża, Portugiża, Slovena u dik
Żvediża*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Slovena, fisem id-delegazzjoni Bulgara, Franċiża, Portugiża, Slovena u dik Żvediża, dwar il-benesseri tal-annimali. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti li saru minn diversi delegazzjonijiet u mill-Kummissjoni.

- g) Standard doppju ta' kwalità tal-prodotti tal-ikel:
Problema li tippersisti**
Informazzjoni mid-delegazzjoni Slovakka

 10287/24

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Slovakka dwar il-kwistjoni ta' standard doppju ta' kwalità tal-prodotti tal-ikel. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti li saru minn diversi delegazzjonijiet oħra u mill-Kummissjoni.

- h) Il-ħtieġa li jiġu rieżaminati r-Regolamenti ta'
Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/783, 784
u 785 u li jiġi introdott, bħala eċċezzjoni, l-użu ta'
sustanzi neonikotinojdi għat-trattament taż-żrieragħ,
sakemm jiġu skoperti sustanzi alternattivi**
Informazzjoni mid-delegazzjoni Rumena

 10314/24

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Rumena dwar it-talba tagħha għal reviżjoni tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) 783/2018, 784/2018 u 785/2018 sabiex ikun permess it-tqegħid fis-suq temporanju ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom 3 neonikotinojdi (imidakloprid, klotijanidin u tijametossam, rispettivament). Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti li saru minn ċerti delegazzjonijiet oħra kif ukoll tal-intervent mill-Kummissjoni.



Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

Dikjarazzjonijiet għall-punti leġislattivi "A" li jinsabu fid-dokument 10279/24**Dwar il-punt "A"
nru 2:**

Regolament dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti)

Adozzjoni tal-att leġislattiv

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

"Fil-fehma tal-Awstrija l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti huwa pass importanti biex tiġi tiffoka fuq it-tranżizzjoni ekoloġika, tissaħħaħ il-kompetittività u tintlaħaq il-mira komuni Ewropea tan-newtralità klimatika. L-Awstrija tappoġġa l-oġġettiv ta' dan ir-regolament propost biex jiġi aċċellerati l-iżvilupp u l-espansjoni tal-kapaċità tal-produzzjoni, b'mod partikolari għall-enerġija rinnovabbli fl-UE, u għalhekk taqbel ma' din il-proposta ta' compromess.

Madankollu, l-Awstrija mhux ser tappoġġa trasformazzjoni bbażata fuq it-teknoloġija nukleari, mhux ser tippromwoviha saħansitra aktar u lanqas ser tiffoka fuqha bħala teknoloġija tal-futur. It-teknoloġija nukleari la hija sostenibbli, kosteffettiva u lanqas sikura. Għall-Awstrija, it-teknoloġiji nukleari żgur li mhumiex fost it-teknoloġiji li jservu t-trasformazzjoni ekoloġika. Għaldaqstant, l-Awstrija jiddispjaċiha li t-teknoloġija nukleari ġiet inkluża u qed tiġi trattata bl-istess mod fir-regolament.

Fir-rigward tal-Kapitolu III dwar il-kapaċità tal-injezzjoni tas-CO₂, l-Awstrija tinnota li bħalissa hemm fis-seħħ projbizzjoni nazzjonali fuq il-ħżin tas-CO₂ (l-Att Federali dwar il-Projbizzjoni tal-Ħżin Ġeoloġiku tad-Diossidu tal-Karbonju), u qed tiġi evalwata. F'dan il-kuntest, aħna favur estensjoni reġjonali rapida tal-obbligu ta' injezzjoni tas-CO₂ fiż-żona taż-ŻEE. Nenfazizzaw ukoll li l-iżvilupp tal-kapaċità tal-ħżin għandu jimxi id f'id mal-espansjoni tal-infrastruttura tas-CO₂, li bħalissa hija nieqsa."

Dwar il-punt "A"
nru 3:

Regolament li jistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u jħassar id-Direttiva 2009/125/KE
Adozzjoni tal-att leġislativ

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

"L-Awstrija għadha tara l-ħtieġa għal aktar ċarezza f'xi oqsma tar-regolament propost, iżda tista' taċċetta t-test attwali fi spirtu ta' kompromess. Madankollu, il-punti li ġejjin għandhom jerġgħu jiġu enfasizzati:

L-Awstrija għandha riżervi kbar dwar l-Artikolu 65 (Akkwist pubbliku ekoloġiku). Fid-dawl tal-ġurisprudenza stabbilita tal-QĠUE, li tgħid li l-għażla tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni u l-ponderazzjoni tagħhom għal kull proċedura ta' akkwist hija f'idejn l-awtorità kontraenti rispettiva (ara, pereżempju, il-Kawża C-19/00, *SIAC*; il-paragrafu 36; il-Kawża C-448/01, *EVN and Wienstrom*, il-paragrafu 37), l-Awstrija tippretendi li l-istabbiliment ta' kriterji għall-aġġudikazzjoni vinkolanti b'ponderazzjoni u miri vinkolanti fil-livell nazzjonali jitqiesu mill-Kummissjoni biss bħala l-aħħar għażla meta jiġu adottati atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 65.

Barra minn hekk, fil-fehma tal-Awstrija d-definizzjoni ta' kriterji ekoloġiċi fl-akkwist pubbliku għandha tiġi integrata f'approċċ koerenti u orizzontali li huwa inkorporat fid-direttivi dwar l-akkwist.

L-Awstrija hija wkoll favur li jiġi żgurat li r-rekwiżiti għall-passaporti diġitali tal-prodotti jitfasslu b'tali mod li jillimitaw il-piż fuq in-negozji għal livell fattibbli u li ssir evalwazzjoni fil-ħin tal-impatt tal-passaport diġitali tal-prodotti f'termini tal-piż amministrattiv addizzjonali tiegħu u l-kostijiet assoċjati, b'mod partikolari għall-SMEs."